MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2005

Numru 10/2001

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**kontra**

**Godfrey Ellul**

Il-Qorti:

Rat is-sentenza moghtija fit-8 ta' Ottubru 2002 mill-Qorti Kriminali li tghid hekk:

"Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 10 tas-sena 2001 kontra l-akkuzat Godfrey Ellul;

Rat il-verdett tal-gurati li bih bi tmien (8) voti favur u vot wiehed (1) kontra sabu lill-akkuzat Godfrey Ellul hati tal-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza;

U b'seba' (7) voti favur u tnejn (2) kontra sabet lill-istess akkuzat Godfrey Ellul hati tat-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza;

U bi tmien (8) voti favur u wiehed (1) kontra sabu lill-istess akkuzat Godfrey Ellul hati tat-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza;

Rat ukoll il-verdett ulterjuri tal-gurati li bih unanimament sabu lill-akkuzat Godfrey Ellul hati li kiser l-Ordni ta' Probation maghmul fil-konfront tieghu b'sentenza definittiva tal-Qrati tal-Magistrati tat-23 ta' Lulju 1996 kif ukoll li b'sentenza definittiva tal-Qrati tal-Magistrati (Malta) fis-27 ta' Mejju 1996, u 16 ta' Jannar 1997 l-istess akkuzat Godfrey Ellul kien instab hati ta' delitt u ghalhekk hemm l-addebitu tar-recidiva f'delitt u dana fil-kaz tat-Tliet Kapi tal-Att tal-Akkuza;

1) Tiddikjara lil Godfrey Ellul hati talli assocja ruhu ma' persuni ohra f'Malta u ma persuni ohra barra minn Malta sabiex ibiegh jew jittraffika medicina u droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni u tiddikjara li kiser l-Ordni tal-Probation maghmul fil-konfront tieghu b'sentenza definittiva tal-Qorti tal-Magistrati tat-23 ta' Lulju 1996, kif ukoll tiddikjarah recidiv billi b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-27 ta' Mejju 1996 u tas-16 ta' Jannar 1997, l-istess Godfrey Ellul kien gie misjub hati ta' delitt u dana skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza;

2) Tiddikjara lil Godfrey Ellul hati ta' pussess xjenti tal-Medicina Perikoluza eroina bi ksur tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi (Kap 101), b'dana li dak il-pussess kien taht tali cirkostanzi li juru li ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu; u tiddikjarah li kiser l-Ordni tal-Probation maghmul fil-konfront tieghu b'sentenza definittiva tal-Qorti tal-Magistrati tat-23 ta' Lulju 1996, kif ukoll tiddikjarah recidiv billi b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-27

ta’ Mejju 1996 u tas-16 ta’ Jannar 1997 l-istess Godfrey Ellul kien gie misjub hati ta’ delitt u dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza;

3) Tiddikjara lil Godfrey Ellul hati ta’ pussess xjenti tal-medicina perikoluza kokajina specifikata fir-raba (IV) taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi meta la kellu licenzja mill-President ta’ Malta ghall-ghemil tieghu u lanqas kien awtorizzat bir-Regoli tan-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima (VI) tal-Ordinanza imsemmija, u ma kellux licenzja u lanqas kien xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija; tiddikjara wkoll lill-istess Godfrey Ellul li kiser l-Ordni tal-Probation maghmul fil-konfront tieghu b’sentenza definittiva tal-Qorti tal-Magistrati tat-23 ta’ Lulju 1996, kif ukoll tiddikjarah recediv billi b’sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-27 ta’ Mejju 1996 u tas-16 ta’ Jannar 1997, l-istess Godfrey Ellul kien gie misjub hati ta’ delitt u dana skond it-Tielet Kap tal-Att ta’ Akkuza;

Rat il-verbal ta’ llum stess li bih il-Prosekuzzjoni w d-Difiza qablu li ghall-fini tal-piena l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza ghandu jitqies kompriz u nvolut fit-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza dwar il-piena;

Qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, partikolarment il-kwantita` tad-droga nvoluta, il-gravita` tal-kaz, ir-recidiva u l-ksur tal-Ordni tal-Probation gja` moghti lill-hati Godfrey Ellul minn Qorti ohra, kif ukoll it-trattament differenti li l-Prosekuzzjoni tat lill-assocjat l-iehor fi proceduri separati u l-fatt li l-gurija ma kinitx unanima fil-verdett taghha dwar il-htija;

Rat il-fedina penali tal-hati;

Rat l-Artikoli 9; 10; 12; 13; 14; 15A; 16; 20; 22 (1) (a) (f) (1A) (1B) (2) (a) (i)  (aa) (bb) (ii) (3) (3A) (c) (d) (5) (9) 22E; 25; 26; 30; 30A tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101), l-Artikoli 5, 9 u 10 tal-Kap 152 u l-Artikoli 17, 23, 31, 49, 50, u 533 tal-Kodici Kriminali;

Tikkundanna lill-hati Godfrey Ellul ghall-piena komplessiva ta’ ghoxrin (20) sena prigunerija li minnhom ghandu jinqata' kull perjodu li tahthom il-hati Godfrey Ellul dam taht arrest preventiv in konnessjoni mar-reati llum misjub hati taghhom, u ghal multa komplessiva ta’ (LM20,000) ghoxrin elf lira Maltin liema multa tkun konvertibbli f’perjodu ta’ prigunerija skond il-ligi jekk ma tithallas;

Tikkundannah ihallas is-somma ta’ (LM 301.05) tliet mija u lira Maltin u hames centezmi import tat-total tal-ispejjes tal-perizji inkorsi f’dan il-process.

U inoltre tordna l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-oggetti kollha li dwarhom saru r-reati u l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ kull flejjes jew propjeta` mobbli jew immobbli ohra tal-hati;

Inoltre tibghat lill-hati Godfrey Ellul quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali li minnha inghatat is-sentenza u nhareg l-Ordni ta’ Probation maghmul fil-konfront tal-istess hati, liema sentenza u ordni jgibu d-data tat-23 ta’ Lulju 1996 sabiex titratta mieghu ghar-reat jew reati li ghalih dak l-Ordni kien gie maghmul skond il-Ligi;

Fl-ahhar nett il-Qorti tordna d-distruzzjoni tal-oggetti kollha esebiti li jikkonsistu f’medicini perikoluzi jew oggetti relatati mal-abbuz tad-droga mill-Ispizjar Mario Mifsud taht is-supervizjoni diretta tad-Deputat Registratur ta’ din il-Qorti li ghandu jirrapporta lil din il-Qorti bil-miktub meta din id-distruzzjoni tkun saret."
Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Godfrey Ellul ipprezentat fid-9 ta' Ottubru 2002 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka l-verdett u s-sentenza appellata u tilliberah minn kull htija u piena;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma maqsuma fi tliet partijiet: Fl-ewwel lok, l-appellant jissottometti illi saret interpretazzjoni u applikazzjoni hazina tal-ligi mill-ewwel Qorti. Fit-tieni lok jghid illi kien hemm irregolaritajiet fil-proceduri. Fit-tielet lok jghid li gie misjub hati hazin fuq il-fatti. Taht kull aggravju l-appellant iressaq diversi lmenti li sejrin jigu kkunsidrati *seriatim* u skond l-enumerazzjoni moghtija minnu stess:

A. Dwar l-allegata interpretazzjoni u applikazzjoni hazina tal-ligi

A1. L-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti tat definizzjoni hazina tal-pussess kostruttiv. Jghid li l-ewwel Qorti qalet li jekk wiehed ihalli oggetti ghand haddiehor u meta jitolbu jaghtih, dan hu pussess kostruttiv. Il-pussess, isostni l-appellant, ifisser kontroll u jekk ikun manifest li l-kontroll univokament ikun ghand haddiehor ma jistax jinghad li kien hemm pussess kostruttiv, ghalkemm jista' jkun hemm kaz fejn persuna titlob lura dak li tkun tat; hemm jintervjeni l-kunsens tal-parti li qed izzommhom li tikkonsenjahom lura. Meta s-sid jew il-pussessur precedenti jitlef il-kontroll effettiv, ma jistax jinghad li ghandu l-pussess, la materjali u lanqas kostruttiv. Jghid li l-ewwel Qorti fl-indirizz xehtet l-espressjoni *joint possession*. Jghid li din tfisser li hemm tnejn min-nies li ndaqs, minghajr xkiel u bl-istess accessibilita` ghandhom il-kontroll tal-haga. Minn imkien ma jirrizulta li huwa kellu access liberu ghall-post fejn kien hemm id-droga. Kien Philip Magri li kellu l-kontroll effettiv.

Il-kwistjoni mqajma mill-appellant hija dwar is-sinjifikat ta' "kontroll" ossia ta' "kontroll effettiv". L-ewwel Qorti ikkummentat hekk[1]:

---

[1] Pagna 7 tat-tieni parti ta' l-indirizz.

"Mela l-pussess irid ikun hemm element ta' kontroll, mhux necessarjament fiziku, qeghdin f'idejja. Mela jekk jiena ghandi xi haga u ghal raguni jew ohra ma rridx inzommha d-dar ghax tahraq u per ezempju naf li jiena suspettata mill-awtoritajiet, mill-Pulizija, u ma rridx inzomm haga fejn jistghu isibuhieli malajr, pero` dik il-haga rrid li tibqa' ghandi jiena u mhux immur narmiha, jew niddistruggiha, u npoggiha ghand xi hadd nghidlu zommieli din, jekk nafdah lil dak ix-xi hadd - anke hemm kwistjoni ta' fatt din tridu tiddeciduha inthom - huwa taht il-pussess u kontroll effettiv ta' dak li jpoggiha ghand l-iehor? Wiehed ghandu l-pussess fiziku taghha ghax qieghda ghandu, imma l-iehor ghad ghandu l-kontroll fuqha jew m'ghandux? Dik hija kwistjoni ta' fatt. Jekk inthom tkunu soddisfatti illi anke jekk ma kinitx fizikament f'idejh, id-droga kienet qieghda f'post fejn tpoggiet naturalment b'ordni tieghu, jew bi ftehim tieghu jew b'xi haga, u kien jaf li fejn qieghda x'hin irid jista' jiddisponi minnha, araw inthom jekk dak hux kwistjoni ta' kontroll - *constructive possession*. Ghax ghallavolja mhijiex ezatt f'idejh … ghad ghandek il-pussess taghha dik jew m'ghandekx ghall-fini tal-ligi? Fis-sens li meta inti mort ghaliha din, ma tistax tehodha lura x'hin trid inti, u taghmel biha li trid? Jekk lil min tajtha mbaghad qabad ghamel li ried biha, iddistruggiha jew qabad u bieghha u meta mort ghaliha qallek nini, nini, issa ma tehodhiex, kwistjoni ohra mbaghad - imma meta ghadha tezisti din, jekk jirrizultalkom dejjem u tridu taraw mill-provi inthom, mhux ser nghidilkom jiena, irrizultax li l-ewwelnett kien hemm xi droga li kienet tal-akkuzat - huwa jichad kompletament u qalilkom kif ma kellu x'jaqsam xejn u sab ruhu bhal Pilatu fil-Kredu, invece f'xi wahda mid-dikjarazzjonijiet, iktar it-tieni wahda ghax l-ewwel wahda ma qalux, ta' Philip Grima, li mbaghad ikkonferma bil-gurament u gie hawn u jghid il-verita` qalilna li d-droga kollha kienet tal-akkuzat, u li hu kien qed izommhielu ghar-raguni li jibza' minnu u ma jibzax minnu - issa tridu taraw inthom bhala fatt, u dina kwistjoni ta' fatt, jekk veru dak li qed jghid Magri li l-akkuzat mar qallu dawn zommomli, tilifx il-pussess taghom jew kienx ghad ghandu il-kontroll effettiv fuq dawk id-drogi. Id-difiza qed

tghidilkom dak ma ghadx ghandu kontroll fuqu la telaqha minn idejh…."

Minn dan huwa evidenti li l-ewwel Qorti halliet il-kwistjoni ghad-decizjoni tal-gurati biex jiddeciedu huma - jekk jaccettaw il-verzjoni ta' Philip Magri li d-droga kienet ta' l-appellant - jekk l-appellant kienx ghad ghandu kontroll fuq id-droga in kwistjoni. Persuna hi fil-pussess ta' medicina perikoluza meta hi konxja tal-prezenza taghha f'post partikolari u ghandha xi forma ta' kontroll fuqha. Jekk wiehed jaccetta bhala veritjera l-verzjoni ta' Magri li d-droga kienet ta' l-appellant, ma jistax jinghad li l-appellant kien tilef il-pussess (kostruttiv) ta' dik id-droga semplicement ghaliex biex jaccedi ghaliha kellu jiddependi mill-fatt li Magri jkun id-dar u jiftahlu. Barra minn hekk, dejjem jekk wiehed joqghod fuq din il-verzjoni, biex huwa ghadda d-droga lil Magri, din kienet necessarjament l-ewwel fil-pussess materjali tieghu u barra minn hekk meta l-Pulizija ghamlet *raid* fuq id-dar ta' Magri fis-6 ta' Marzu 1997 l-appellant kien prezenti f'dik id-dar fejn kienet tinsab id-droga.

Aktar 'il quddiem fl-indirizz tieghu l-Imhallef li ppresjeda l-guri jghid[2]:

"Pussess jista' jkun materjali - ghandi dan il-ktieb f'idejja - u jista' jkun pussess kostruttiv, fis-sens illi ghandi l-kontroll ta' dak l-oggett ghallavolja mhux qieghed f'idejja; naqbad oggett, nghid lil siehbi nghidlu zommuli, dan qieghed ghandu, ghandu l-pussess materjali hu, pero` qieghed taht il-kontroll tieghi, il-kontroll effettiv tieghi, u f'dak il-kaz nigu ghandna l-pussess tal-oggett it-tnejn, dak li jghidulu *joint possession*."

L-appellant jenfasizza l-importanza ta' l-accessibilita` libera. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan il-fattur mhuwiex determinanti biex jistabilixxi jekk hemmx il-pussess. Persuni jistghu jiftehmu li jakkwistaw droga, tinzamm minn wiehed minnhom u kollha jistghu jmorru ghand dik il-persuna biex jiehdu s-sehem taghhom jew biex

---

[2] Pagna 17 tat-tieni parti ta' l-indirizz.

jikkonsmawha flimkien. Persuna tista' titlob jew tordna persuna ohra biex izzommilha droga f'post zgur u meta tkun trid tuza jew tiehu minnha, tmur ghaliha ghand min qieghed izommhielu.

Ghalhekk l-ewwel ilment huwa respint.

A2. L-appellant jilmenta wkoll li ghalkemm l-ewwel Qorti ghamlet sensiela ta' spjegazzjonijiet dwar kif kellhom jintiznu x-xhieda, fl-ahhar spiccat biex qalet li wara kollox x'temmen u ma temminx huwa *"gut feeling"*. Jghid li f'dan il-kaz diga` kien hemm *"gut feeling"* kontra l-akkuzat li kien ghadu kemm deher f'programm televiziv ta' diskussjoni u ismu xxandar fil-kuntest tal-fatt li wiehed mill-Imhallfin indagati xi zmien ilu,kien xehed fil-kaz precedenti tieghu, u li minn dakinhar sallum tressaq fuq tmien kazi ta' pussess u traffikar ta' droga; id-difiza stess kellha mill-bidu tghid li Godfrey Ellul veru kellu *convictions* imma kienu fuq pussess semplici ta' droga li hu kien vittma taghha.

A propozitu ta' dan l-ilment din il-Qorti tosserva li huwa d-dmir tal-gurati li jiddeciedu fuq il-htija o meno tal-persuna li tkun quddiemhom fuq dak li jkun gie ppruvat fil-kors tal-guri biss. Din hija twissija li generalment il-Qorti Kriminali taghmel lill-gurati f'kull kaz. U dan il-kaz mhux eccezzjoni. Fil-bidu ta' l-indirizz, l-Imhallef li ppresjeda l-guri qal[3]:

"U ghalhekk ser nerga' nenfasizza x'gara qabel is-6 ta' Marzu 1997 fil-kaz tal-akkuzat apparti xi haga li rrizultat fl-Awla … l-antecedenti tieghu, x'kien ghamel fil-passat jekk ghamel xi haga, minn dak ahna ma jinteressana xejn, irridu nezaminaw biss dak li hemm fl-att tal-akkuza fir-rigward tal-akkuzat.

U rridu nezaminaw biss l-att tal-akkuza skond dak li rrizultalna f'din l-Awla u mhux li smajna barra. U jista' jaghti l-kaz li smajtu xi haga jew rajtu xi haga, ghax kulhadd jaqra xi gazzetta, u kulhadd jaqra xi rapport u kulhadd jaqra jew jara xi programm televisiv, daka tridu twarbuh minn quddiem ghajnejkom u tikkoncentraw biss

3 Pagna 2 ta' l-ewwel parti ta' l-indirizz.

fuq dak li qed naghmlu hawn u li ghamilna hawn dawn l-ahhar sitt ijiem …."

Pero` meta aktar 'il quddiem fl-indirizz l-Imhallef li kien qieghed jippresjedi l-guri kien qieghed jispjega l-provvedimenti ta' l-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali, ghamel referenza ghall-frazi li dwarha qieghed jilmenta l-appellant[4]:

"U fl-ahhar thallilna mbaghad *a blanket clause* l-ligi f'dan l-artikolu u tghidlek trid tqis "ic-cirkostanzi kollha tal-kaz". U fost dawn semmejtilkom diga` l-interess per ezempju meta wiehed ghandu jghid haga u mhux ohra, ara wiehed ghandu interess jghid haga issa u ma qalhiex qabel, u dan kollu. Jigifieri mhux ezercizzju facli dan, ara kemm tridu tiehdu *into account* fatturi. Pero` finalment ser ikun hemm dak li jghidulu l-inglizi *a gut feeling* - illi *deep down in your heart*, f'qalbek tghid imma jiena hekk inhoss. Din ghalija hija l-verita`."

Din il-Qorti tqis l-uzu ta' l-espressjoni *"a gut feeling"* bhala uzu xejn felici. Huwa probabbli li dak li kellha f'mohha l-ewwel Qorti kien il-konvinciment morali li jrid ikollhom il-gurati sabiex ikunu jistghu jaslu ghall-htija ta' l-akkuzat. Difatti fil-paragrafu sussegwenti tirreferi ghall-grad ta' prova li trid tilhaq id-difiza biex iddahhal f'mohh il-gurati d-dubju ragjonevoli. L-ezercizzju li jridu jaghmlu l-gurati huwa li jevalwaw u jiflu l-provi kollha u jirragunaw dwar is-sinjifikat taghhom u sa fejn iwasslu, u b'hekk jifformaw l-opinjoni taghhom unikament fuq il-provi li jitressqu fil-Qorti waqt il-guri, u mhux jaslu ghal xi konkluzjoni skond dak li jhossu fil-*"gut"*. Ghalhekk il-gurati m'ghandhom qatt jigu indirizzati bil-frasjologija li minnha gustament jilmenta l-appellant.

A3. L-appellant jghid li l-Avukat tieghu ssottometta li "anke jekk il-gurati kellhom jarmu x-xiehda tal-akkuzat moghtija mill-pedana u ma jemmnuhx, xorta l-prosekuzzjoni ma tkunx waslet li tipprova l-kaz taghha u l-elementi tar-reat". Dan gie interpretat mill-ewwel Qorti

4 Pagna 30 ta' l-ewwel parti ta' l-indirizz.

bhala ammissjoni indiretta ta' nuqqas ta' kredibbilita` da parti tad-difensur stess lejn il-patrocinat tieghu meta kkummentat: "Araw dikjarazzjoni bhal din xi tfisser, u taht liema cirkostanzi saret, u ghala saret b'daqstant responsabbilta`. Xi haga tfisser biex saret!" Hawn il-Qorti kienet qed titkellem fuq il-kredibbilita` ta' l-akkuzat. Skond l-appellant, il-mod u t-ton kif intqal il-kliem kien ifisser li l-anqas l-avukat tieghu stess ma kien qed jemmnu; cioe` li l-avukat difensur ghamel dikjarazzjoni bhal dik ghaliex hass li m'ghandux jitwemmen. L-ewwel Qorti, ikompli l-appellant, ma spjegatx li jekk kellha tigi skartata x-xiehda tal-akkuzat xorta jibqa' l-piz tal-prova fuq il-prosekuzzjoni li tipprova l-kaz taghha minghajr dubju ragjonevoli. Din il-parti tal-indirizz mehuda fil-kuntest ta' meta kienu qed jigu ezaminati l-provi, maghduda ma' kummenti negattivi ghall-ahhar dwar ix-xiehda tal-akkuzat, ma setghetx hlief ikollha effetti determinanti fuq il-gurati, waqt li kienet applikazzjoni u interpretazzjoni hazina tal-ligi dwar il-piz tal-prova fil-kamp penali.

Il-bran relattiv ta' l-indirizz huwa s-segwenti[5]:

"U allura hawn hekk tidhol imbaghad il-kwistjoni tal-kredibilita`, jekk hux ser temmnu l-verzjoni tieghu, jekk hux ser temnuwha kollha, jekk hemmx xi bicciet minnha li ser tiskartawhom u ohrajn li ser tiskartawhom jew inkella ser tarmu kollox u tghidu isma' din mhijiex ippruvata sal-grad tal-probabilita` *in which case* allura l-prova tieghu ma tkunx giet accettata. Pero` d-difiza qed tghidilkom ukoll - anke jekk tarmu u tiskartaw ghal kollox il-prova li ressaq l-akkuzat u li taghkom hawn, xorta wahda l-prosekuzzjoni ma waslitx biex lanqas *prima facie* ma tipprova l-kaz taghha.

Qed jghidilkom kwazi kwazi tela' jixhed ghalxejn dak ghax bih u minghajru l-prosekuzzjoni xorta ma waslitx biex tipprova l-kaz taghha - u dina tridu ttuha certa konsiderazzjoni wkoll, sinjuri gurati, ghax biex avukat jaqbad u jghidha din u jisparaha, irid ikun, irid jibbekkjaha b'argumenti sodi ghax facli tghid li ma hemmx provi; allura

5 Ara pagna 11 tat-tieni parti ta' l-indirizz.

tridu tezaminaw il-provi u taraw jekk dak li qed issostni d-difiza li anke jekk inti tittraskura ghal kollox dak li xehed l-akkuzat hawn, xorta wahda ma hemmx prova ta' xi wiehed mit-tliet reati, mhux ghat-tieni kap biss qed nitkellem ghat-tlieta li huma. Ghamel enfasi kbira fuq l-ewwel kap, qal hawn hekk lanqas il-bidu ma hawn ta' prova li kien hawn assocjazzjoni - u araw x'piz taghtu lil dak l-argument wara li tiflu l-provi - u japplika wkoll dan l-argument ghat-tieni u t-tielet kap. L-enfasi kbira ghamilha fuq l-ewwel kap Dr. Brincat, pero` t-tieni u t-tielet kap mhux inqas ghax qalilkom il-provi ma jwasslux. U naturalment biex qal dan attakka kemm felah u skredita u pprova jiskredita d-deposizzjoni ta' Magri …."

Minn ezami ta' dan il-bran din il-Qorti ma taqbilx li l-ewwel Qorti kienet prattikament qed tindika li lanqas l-avukat ta' l-appellant ma kien qieghed jemmen lill-istess appellant. L-enfasi li kienet qed taghmel l-ewwel Qorti kien fuq il-fatt li huwa facli li tghid li m'hemmx provi, u li ghalhekk il-gurati kellhom jiflu sew il-provi u jaraw jekk jaslux "sal-konvinciment morali minn naha wahda jekk ser taccettaw it-tezi tal-prosekuzzjoni jew inkella sal-grad tal-probabilita` jekk taccettaw it-tezi tad-difiza"[6].

B'hekk, salv l-osservazzjoni dwar l-espressjoni *"gut feeling"*, anke dan l-ilment huwa respint.

A4. L-appellant isostni li l-artikolu 30 tal-Kap. 101 mhuwiex applikabbli ghall-kaz in ezami peress li Philip Magri kien komplici u ma kien hemm l-ebda spacc ta' droga da parti ta' l-appellant lil Magri. Konsegwentement ix-xiehda ta' Philip Magri tehtieg korroborazzjoni, u dan dwar l-akkuzi kollha dedotti. Dwar il-korroborazzjoni, isostni l-appellant, l-ewwel Qorti bl-ebda mod ma dahlet fuq il-htiega tal-korroborazzjoni fuq il-kapi differenti tal-akkuza, izda qalet biss li jista' jkun hemm cirkostanza jew cirkostanzi li jorbtu u bhala ezempju tat li bizzejjed li kien hemm *foil* mahruqa li tidher li ntuzat ghad-droga, jew il-harba tal-akkuzat u haddiehor baqa' f'postu. Dan, skond l-appellant, hu ezempju ta' *gut feeling*: la harab kellu l-

[6] Ara pagna 12 tat-tieni parti ta' l-indirizz.

faham miblul - espressjoni li ntuzat. Il-korroborazzjoni kellha tkun differenti ghall-elementi differenti tar-reati differenti. B'hekk, il-harba ta' l-akkuzat ma tikkorroborax il-ftehim ta' spacc; il-*foil* mahruq ma jikkorroborax il-pussess bl-intenzjoni tal-ispacc.

L-artikolu 30 tal-Kap. 101 jiddisponi hekk:

**"Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 639 tal-Kodici Kriminali meta persuna tkun xtrat jew xort'ohra kisbet jew akkwistat medicina bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, ix-xiehda ta' dik il-persuna fi procedimenti kontra l-persuna li minghandha tkun xtrat, kisbet jew akkwistat (fit-test ingliz: *"purchased, obtained or acquired"*) il-medicina, m'ghandhiex ghalfejn tkun korroborata b'cirkostanzi ohra."**

L-ewwel Qorti, wara li spjegat li x-xiehda ta' komplici trid tkun korroborata, irreferiet ghall-fatt li l-ligi tad-droga taghmel eccezzjoni ghal dik ir-regola u dan b'referenza ghall-imsemmi artikolu 30 tal-Kap. 101, u ndirizzat lill-gurati b'dan il-mod[7]:

"Issa, allura f'dan il-kaz jekk jirrizultalkom in konnessjoni ma' xi wahda mit-tliet kapi ta' l-att ta' l-akkuza - u dina hija kwistjoni ta' fatt u ser inhalliha f'idejkom kompletament jiena - illi f'xi mument fiz-zmien meta qed tghid l-att ta' akkuza - ehh, ghax ghandna iz-zmien jorbotna hemm hekk - xi xhud akkwista xi droga minghand l-akkuzat partikolari li ghandna hawn, allura jista' jkun xhud li ma ghandux bzonn korroborazzjoni minghajr cirkostanzi ohra jekk dak jinkwadra ruhu f'xi reat dwar din l-Ordinanza. Pero` l-ewwel tridu tkunu soddisfatti illi ghaddiet xi droga minghand l-akkuzat ghal ghand xi xhud, li mbaghad dan ix-xhud gie hawn u qed jixhed kontrieh.

F'dawk ic-cirkostanzi allura jekk jirrizultalkom, mhux qed nghid li jirrizultaw jiena, jista' ma jkollux bzonn korroborazzjoni. Jekk thossu li dan mhux il-kaz ghax ma

[7] Ara pagna 22 u 23 ta' l-ewwel parti ta' l-indirizz.

jirrizultax mill-provi allura tapplika r-regola l-ohra illi jekk hemm xi xhud u qed jixhed kontra xi hadd iehor li kien imcappas mieghu, daka jrid ikollu korroborazzjoni minn xi cirkostanza ohra, materjali - jigifieri ta' certa importanza."

U aktar 'il quddiem meta lewwel Qorti kienet qed tirreferi ghax-xiehda tax-xhieda, b'referenza ghal dik li nghatat minn Philip Magri, qalet:

"Jekk temmnuh lil Philip Magri, peress li f'certi affarijiet jista' jkun qieghed fil-posizzjoni tal-komplici, allura jrid ikun korroborat minn cirkostanza ghall-inqas materjali ohra. Cirkostanza materjali ohra tista' tkun xhud iehor jew xi fatt. Araw inthom il-fatt illi kien hemm dawk l-affarijiet kollha go dik id-dar. Il-fatt li kien hemm il-prezenza ta' dawk il-persuni go dik id-dar flimkien, x'gara meta gew il-Pulizija, il-hin li ttiehed sakemm infetah il-bieb lill-Pulizija, il-fatt li persuna dehrilha li tant kienet f'sitwazzjoni difficli li trid titlaq minn hemm a kwalunkwe kost. Araw dawn ic-cirkostanzi kollha humiex cirkostanzi - bizzejjed wahda minnhom - li jistghu jikkorroboraw il-komplci - jekk Philip Magri ser jitqies bhala komplici f'dak li qed jghid. Dejjem jekk temmnuh ghax jekk ma temmnuhx ma ghandkomx ghalfejn tidhlu fiha din, jekk hemm xi haga li tikkorroborah."

Huwa veru li l-ewwel Qorti ma tatx gwida lill-gurati fuq kull kap ta' l-att ta' akkuza separatament dwar kif kellhom iharsu lejn ix-xiehda ta' Philip Magri. Izda kollox kien jiddependi fuq jekk il-gurati jemmnux li d-droga li nstabet ghand Magri kienet inghatatlu mill-appellant. L-artikolu 30 ma jeskludix li persuna li tkun ghaddiet id-droga lil xi hadd tigi akkuzata b'reati li mhumiex dawk specifici ta' traffikar izda jirreferi ghal "procedimenti kontra l-persuna li minghandha" ix-xhud ikun xtara, kiseb jew akkwista xi medicina perikoluza. Ghalhekk id-direzzjoni lill-gurati kienet korretta. Naturalment in vista ta' l-inkonsistenza fil-verzjonijiet li ta Philip Magri, u li l-ewwel Qorti korrettement irreferiet ghalihom[8], kien ikun deziderabbli

[8] Ara pagna 27 tat-tieni parti ta' l-indirizz.

ghall-gurati li jfittxu xi element korroborattiv tal-verzjoni li huma jiddeciedu finalment li jaccettaw bhala veritjera.

A5. L-appellant jilmenta wkoll mill-fatt li l-Avukat generali naqas milli jakkuza lil Philip Magri bir-reat ta' assocjazzjoni. Jghid li filwaqt li huwa minnu li l-Avukat Generali ghandu dritt insindakabbli li jakkuza kif jidhirlu, ma jfissirx li ma jistax ikun hemm konsiderazzjonijiet logici in vista ta' l-agir differenzjali tieghu. F'dan il-kaz, jghid l-appellant, huwa gie akkuzat b'assocjazzjoni ma' Philip Magri filwaqt li Philip Magri qatt ma gie akkuzat bl-assocjazzjoni. L-ewwel Qorti qalet li l-gurati ghandhom jaraw biss x'sar f'dan il-kaz. Izda kif jista', isaqsi l-appellant, l-Avukat Generali jakkuza lil wiehed li assocja ruhu ma' xi hadd li hu ma jqisx li assocja ruhu? Kif jonqos l-element da parti tal-akkuza li kien hemm zewg persuni, ghaliex wiehed qatt ma gie meqjus li kkommetta r-reat fl-opinjoni tal-Avukat Generali, ma tistax dik l-istess persuna titqies li kienet assocjata mal-appellant.

L-argument ta' l-appellant mhux priv minn element ta' logika. Izda din il-Qorti taqbel mal-pozizzjoni li hadet l-ewwel Qorti li tidderigi lill-gurati biex iqisu x'sar fil-kaz kontra l-appellant biss. Ma kienx certament il-kompitu ta' dik il-Qorti jew tal-gurati biex jindagaw ghaliex Philip Magri ma giex akkuzat ukoll b'assocjazzjoni. Il-fatt hu li l-appellant gie akkuzat b'assocjazzjoni ma' l-istess Magri u dak li kellhom il-kompitu jiddeciedu l-gurati kien jekk tirrizultax tali assocjazzjoni, cioe` jekk kienx hemm ftehim bejn l-appellant u Magri biex ibieghu jew jittraffikaw xi medicina perikoluza f'Malta. Jekk il-provi kienu sufficjenti biex jindikaw li kien hemm tali ftehim, wiehed seta' biss jiddeduci li meta ttiehdu proceduri kontra Magri sar zball billi ma giex akkuzat ukoll b'assocjazzjoni. Ma tistax lanqas tigi eskluza sitwazzjoni fejn tnejn min-nies jigu akkuzati b'assocjazzjoni u wiehed minnhom biss jinstab hati. Bhalma ntqal f'*R. v. Longman and Cribben, 72 Cr. App.R. 121, CA*[9]:

[9] Citat f'**Archbold Criminal Pleading, Evidence and Practice 2003**, paragrafu 33-64, pagna 2708.

**"That may appear to be illogical, but it is the necessary result of the rules of evidence which are designed to ensure fairness. If, therefore, the jury are satisfied that A conspired with B but are not satisfied that there is adequate evidence of B's guilt, they should convict A and acquit B."**

Ghalhekk dan l-ilment huwa respint.

A6. L-ilment li jmiss li jigi kkunsidrat jirrigwarda d-dritt tas-silenzju, li l-ewwel Qorti ripetutament irreferiet ghalih. L-appellant jghid li meta l-ewwel Qorti kienet qed titkellem fuq il-ligi in generali qalet li l-imputat ghandu dritt ghas-silenzju meta jkun interrogat mill-Pulizija. Skond l-appellant, meta fil-kaz kontra Magri kien hemm partijiet fejn hu ghazel li ma jixhidx ghaliex seta' jinkrimina ruhu, il-Qorti ghall-bidu qalet li ma taccettax li kien il-magistrat li gibidlu l-attenzjoni u ma halliex li jkun hemm twegiba, u li dan kien ifisser li ma riedx iwiegeb. Aktar tard fil-process gie jixhed Keith Rizzo u dan ikkomprometta ruhu spontanejament u l-Qorti malajr gibditlu l-attenzjoni u dan beda jitlob il-protezzjoni tal-Qorti, u l-Qorti kkoncedietlu din il-protezzjoni. Pero`, dejjem skond l-appellant, fl-indirizz, wara li l-Qorti kkoncediet id-dritt ghas-silenzju, ripetutament ghamlet il-kumment: "Imma issa li gie jixhed, intom ghandkom dritt tghidu, ghala ma qalx dan kollu mal-ewwel u minghajr tlaqliq u hekk kien jiffranka hafna hela ta' zmien u hafna nkwiet! Ghandkom dritt taraw ghala qed jghidu issa u ma qalux mal-ewwel!" Skond l-appellant il-kummenti ta' l-ewwel Qorti huma lezivi tad-dritt kostituzzjonali tas-silenzju u jikkostitwixxu kontradizzjoni ma' tali dritt. Jghid li hija moghdija taz-zmien bl-individwu li tghidlu li ghandu dritt ma jwegibx, imma jekk ma jwegibx dak il-hin mhux la kemm jitwemmen meta jixhed bil-gurament, ghax messu qalu qabel. Id-dritt tas-silenzju gie jekwivali ghal nuqqas ta' kredibbilita`. B'hekk kull spjegazzjoni li ta l-akkuzat tal-agir tieghu ma kienx kredibbli ghaliex messu qalu qabel u mhux ihalli li jkun hemm dak il-hela ta' zmien kollu, jghid l-appellant.

Huwa utili li ssir referenza ghall-brani relattivi ta' l-indirizz fir-rigward ta' dan l-ilment[10]:

"Jekk wara dan kollu li l-akkuzat jew ma jkunx ta statement, jew inkella jkun xehed x'imkien, kif gara f'dan il-kaz, u qal li kellu jghid pero` mbaghad meta dehrlu li ghandu jieqaf intrinceja ruhu wara din il-kwistjoni ta' ma jridx jixhed ghax jinkrimina ruhu, jigi hawn u jipprova jaghti spjegazzjoni ghala din il-verzjoni ma qaliex qabel, u ghala l-istorja li qed jghid hawn ma qaliex qabel, dik l-ispjegazzjoni li qed jaghti hija suggetta ghall-iskrutinju taghkom.

Jigifieri jekk jigi hawn u jgid isma' jiena din l-istorja ma ghidthiex mill-bidu ghax dan kien dritt tieghi, dik ir-raguni li qed jaghti, pero` inti trid tghid, all right kien dritt tieghek, imma jekk inti dak li qed tghid meta xehdt hawn hekk ma ghandek x'taqsam xejn u veru sibt ruhek bhal Pilatu fil-Kredu, kieku ghidtu dan mill-ewwel lill-Ispettur ma kont tiffranka hafna trouble ghalik u ghal haddiehor. Din legittima li taghmluha din id-domanda lilkom infuskom. Jekk hu jaghti spjegazzjoni hawn ghaliex ma qalx il-verita` mill-bidu dik l-ispjegazzjoni ghandkom id-dritt taraw hix wada probabbli u li ghandha titwemmen. Din kwistjoni taghkom bhala fatt, ma jindahlilkom hadd fiha pero` ghandkom id-dritt taghmluha. Jekk jigi l-akkuzat hawn - u mhux qed nghid ghal dan l-akkuzat, ghal kwalsiasi akkuzat - u rinfaccjat b'domanda simili, isma' inti meta per ezempju kont qed tixhed quddiem il-Magistrat fl-kaz ta' l-iehor ghax ma ghidtux dan kollu u kont tiffranka hafna nkwiet - jekk jemmnuh, ghax dejjem seta' ma jemmnux il-Magistrat dak iz-zmien - jghidlek per ezempju ghax kien hemm il-mara u ma ridtx li l-mara tkun taf x'qed naghmel ghax il-mara qatt ma ghidtilha b'dawn l-affarijet jiena - u dan kollu - dik inthom ghandkom id-dritt tghadduha mill-passatur u taraw tissodisfakomx lilkom dik l-ispjegazzjoni sal-grad tal-probabilita`.

Mela mhux id-dritt tieghu li jibqa' sieket ser taraw hawn, mhux id-dritt tieghu sagrosant li ma jinkriminax ruhu ser

[10] Ara pagna 10 u 11 ta' l-ewwel parti ta' l-indirizz.

taraw hawn, imma jekk jaghtikom spjegazzjoni ghas-silenzju tieghu, jew ghal bidla tal-verzjoni tieghu ghax qabel beda b'verzjoni u issa jigi hawn b'verzjoni ohra - mhux qed nghid li huwa hekk f'dan il-kaz tafx, dik inthom bhala gurati, bhala imhallfin tal-fatt ghandkom id-dritt li tezaminawha, tghadduha mill-passatur dik l-ispjegazzjoni, u taraw *whether it satisfies the test* tal-probabilita`. Isma' dan kollu li qed jghid probabbli dan, jew qed jghid hekk ghax irid jghid xi haga? Jekk hu probabbli li dak li qed jaghmel ghamlu ghal raguniu li qed jaghti hu, allura jissodisfakom - sa fejn irid jasal hu, sa hemm hekk biss irid jasal. Jekk mhux probabbli allura tghid isma' mela halli naraw naqra issa ghaliex issa qed jghid hekk u darb'ohra jew ma qal xejn jew qal xi haga bi sfumatura differenti."

F'parti ohra ta' l-indirizz l-Imhallef li ppresjeda l-guri jghid hekk[11]:

"Imbaghad qalilna ukoll l-Ispettur Ciappara illi f'certu zmien mar jinterroga lill-akkuzat l-Isptar, u dana kien xi ftit gimghat wara li korra. U hemm l-istqarrija tal-akkuzat qieghda quddiemkom, mhux ser naqraha, ghidtilkom pero` li fejn ma jirrispondix dak huwa dritt tieghu u ma tistghu tiedu ebda inferneza kontra l-akkuzat fejn jghid ma nirrispondix jew bla risposta, ma jfissirx hemm hekk li dik hija xi ammissjoni ta' htija. Pero` mbagad tridu taraw ukoll - u dina tigi fi stadju iehor tal-ezami tal-akkuzat, meta xehed hawn hekk, jekk tax xi spjegazzjoni ghaliex ha dik il-linja dik inhar, illi mhijiex semplicement dik li kellu d-dritt li ma jirrispondix, imma skuza ohra ghax ma kienx jaf x'qed jghid Magri kontra tieghu, ghax kien hemm il-mara hdejh, u dan kollu ghandkom id-dritt inthom taraw ir-raguni li gabilkom hawn ghaliex ma qalx il-verita` jekk il-verita` kienet daqshekk innocenti kif qed ipingihielna hawn hekk, ghandkom id-dritt inthom tistaqsu u tinvestigaw u tiehdu decizjoni jekk dik l-ispjegazzjoni li ta hawn hix ta' min jemminha jew le, dak huwa dritt taghkom. Pero` ma tistghux tigbdu inferenza kontra l-akkuzat mis-semplici fatt li fl-interrogatorju tieghu ma qal xejn, jew ma rrispondiex, jew wiegeb l-ewwel zewg domandi tlieta li kienet b'mod

[11] Ara pagni 24 - 26 tat-tieni parti ta' l-indirizz.

generiku u meta bdew dehlin fil-laham il-haj ghalaq, kif taghlaq … is-*sea shell*. Dak kien dritt tieghu.

Imma jekk issa ser jispjega ghaliex ghamel hekk, dik l-ispjegazzjoni ghandkom id-dritt tidhlu fiha intom taraw temnuhiex jew le, taraw jekk hix verosimili jew le, hix probabbli jew le, sa hemm hekk inthom tridu taslu. Dak li qed jgid l-akkuzat bhala spjegazzjoni huwa probabbli jew mhux probabbli? Jekk huwa probabbli tistghu taccettawh. Jekk mhux probabbli jibqa' fil-grad tal-possibbli ….

Imbaghad ukoll rrizultalkom illi l-akkuzat xehed ukoll fil-process kontra Philip Magri…. Anke hawn pero` l-akkuzat kellu certi drittijiet, illi jekk issirlu xi domanda, kif kellna l-kaz ta' Rizzo hawn, li jekk jirrispondiha ser jitfa' xi htija fuq saqajh, tistghu tghidu naghzel li ma nirrispondix ghax ninkrimina ruhi. Dak ukoll huwa dritt tal-akkuzat u ma tistax inti tghid - ehh min jaf x'kien qed jahbi meta ma wegbux, min jaf kif kien ser jinkrimina ruhu. Toqoghdux tissoponu xejn. Pero` meta jaghti spjegazzjoni hawn, pero` johrog ghonqu, u jghid isma' jiena dik nhar ma hrigtx din l-istorja mill-ewwel ghax kien hekk, hekk u hekk, araw dik l-ispjegazzjoni li ta once li dak li qed jghid hawn hekk ma jinvolvieh xejn fid-droga, u allura dak wiehed jista' jistaqsi ghaliex ma qalx hekk mill-ewwel? L-ispjegazzjoni li gabilkom hawn, ghax ma qalx hekk mill-ewwel tridu taraw *whether it holds water*. Jekk tikkonvincikomx sal-grad tal-probabilita`. L-ispjegazzjoni li hareg biha hawn ghaliex din l-istorja li taghna hawn hekk bl-ingliz ma qaliex mill-ewwel u kien jiffranka hafna nkwiet ghal kulhadd kieku qalha mill-ewwel, treggi l-ispjegazzjoni, dik iva, dik ghandkom dritt tezaminawha jekk treggix jew le, u tiskrutinawha, u tpogguha taht il-lenti, u taraw jekk jaghmilx sens li bniedem ikollu storja bhal dik li qalilna hawn hekk u ma jghidhiex mal-ewwel. Ghax kieku qalha mal-ewwel, veru, seta' jigi fl-inkwiet mal-mara qalilna. Jew fit-tieni kaz qalilna ghax seta' jaghmilli xi hsara ghax qal illi dawn id-*drug pushers can turn nasty*, qal ukoll bhala spjegazzjoni illi wahda mir-ragunijiet ghaliex seta' ma semmiex certi affarijiet mill-ewwel qal ghax kieku semma' lil xi hadd mill-ewwel kien jista' jkollu l-konsegwenzi li jistghu jagmlulu xi vendikazzjoni jew ipattuhielu per ezempju. Din wahda mir-

ragunijiet li ta ukoll, anke din tridu taraw kinitx raguni plawsibbli, ghala ma qalx dak li kellu jghid mill-ewwel. Dana haga li tridu taghmluha bl-fors."

Din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjonijiet ta' l-appellant. L-ewwel Qorti bil-kummenti taghha ma kinitx qed tistieden lill-gurati biex jinjoraw id-difiza tieghu li ressaq waqt il-guri peress li qabel kien ezercita d-dritt tas-silenzju u ma semmiex tali difiza. L-ewwel Qorti ma stidnitx lill-gurati jigbdu xi konkluzjoni ta' reita` minhabba s-silenzju tieghu. Ma stidnithomx biex, galadarba l-akkuzat ma kien wiegeb xejn waqt l-interrogatorju u galadarba meta xehed fil-proceduri kontra Magri ma qal xejn dwar li ma kellux x'jaqsam mad-droga, jaslu ghal certa konkluzjoni.

Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, il-brani appena citati jesponu l-posizzjoni legali korretta - anke jekk b'mod pjuttost verbuz - ta' meta akkuzat, minn fuq il-pedana tax-xhieda waqt il-guri, jaghti xi spjegazzjoni ghala precedentement ma jkunx qal xi haga. Din il-posizzjoni legali, <u>ghall-anqas kif inhi sal-lum</u>, tista' tigi riassunta hekk:

1. meta akkuzat, waqt li jkun qed jigi interrogat mill-pulizija, jaghzel li ma jwegibx ghall-mistoqsijiet li jsirulu, jew ghal xi mistoqsija wahda jew izjed, ebda inferenza ta' htija ma tista' tingibed mis-semplici fatt ta' dak is-silenzju, u dan ghar-raguni li l-ezercizzju ta' dritt li sal-lum ghadu ma gie b'ebda mod kwalifikat (f'dan il-kaz id-dritt li ma jwegibx, kif normalment ikun gie infurmat proprju bil-ghoti tal-"caution") ma jistax jissarraf fi pregudizzju ghal dak li jkun;

2. bl-istess mod, jekk l-akkuzat, fi proceduri fir-rigward ta' haddiehor, fejn huwa jkun gie prodott bhala xhud, ikun ghazel li ma jwegibx ghal xi mistoqsija, wahda jew aktar, ghax bit-twegiba jqis li jkun jista' jinkrimina ruhu, hawn ukoll ebda inferenza ta' htija ma tista' tingibed mis-semplici fatt ta' dak is-silenzju;

3. jekk pero` f'xi stadju sussegwenti l-akkuzat jistqarr, anke jekk fil-kors tal-guri tieghu meta jiehu l-pedana tax-

xhieda, li r-raguni ghala ma kienx wiegeb meta interrogat mill-pulizija kienet mhux semplicement in ezercizzju tad-dritt tieghu li ma jwegibx izda jaghti xi raguni ohra, il-gurati jkunu intitolati jezaminaw din ir-raguni l-ohra u jaraw jekk din hix, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, wahda plawsibbli;

4. l-istess jinghad ghal meta f'xi stadju sussegwenti ghall-guri tal-persuna l-ohra l-akkuzat jaghti xi raguni ohra ghala huwa ma kienx wiegeb ghal xi mistoqsija, wahda jew ohra, meta ttella' bhala xhud fil-konfront ta' dik il-persuna l-ohra – din ir-raguni "gdida" tista' tigi ezaminata mill-gurati biex huma jaraw jekk, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, hix raguni plawsibbli;

5. s'intendi, jekk akkuzat, waqt il-guri tieghu, jaghti xi spjegazzjoni ghala ma jkunx mar ghand il-pulizija u minn rajh spjegalhom xi cirkostanza importanti li huwa jkun qed jistrieh fuqha in diskolpa tieghu, meta huwa kien jaf, jew ragjonevolment seta' kien jaf, li l-pulizija riedu "jkellmuh", il-gurati wkoll ikunu intitolati li jezaminaw dik l-ispjegazzjoni biex jaraw, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, jekk hix wahda attendibbli – f'dan il-kaz ma tqum ebda kwistjoni ta' l-ezercizzju tad-dritt li ma jwegibx mistoqsijiet, ghax fil-fatt huwa anqas ikun inghata l-"caution" u cioe` li "mhux obbligat li jwiegeb ghall-mistoqsijiet li ser isirulu";

6. fl-ahharnett, hemm certi cirkostanzi fejn, anke kif inhi l-posizzjoni llum f'Malta, wiehed jista' jigbed certi inferenzi ta' htija mill-fatt li l-akkuzat, rinfaccat b'akkuza <u>minn xi hadd li mhux f'awtorita`</u> (ez. mhux minn ufficjal tal-pulizija waqt interrogatorju) jibqa' sieket u ma jinnegax dik l-akkuza. Din hija s-sitwazzjoni maghrufa fil-ligi Ingliza ta' meta "accused and accuser are on even terms". Jekk ic-cirkostanzi jkunu tali li persuna rinfaccata b'akkuza tkun ragjonevolment mistennija li tirreagixxi ghal dik l-akkuza, izda tibqa' ma tghid xejn, allura wiehed jista' jigbed inferenza ta' htija. Jekk, pero`, "the circumstances are such that a reasonable person would not be expected to counter the allegation", allura tali inferenza m'ghandhiex tingibed. Kif inghad fil-kaz *Mitchell* (1892) 17 Cox CC 503

f'pagna 508 – dictum approvat mill-Privy Council fil-kaz *Parkes v. The Queen* [1976] 1 WLR 1251 – *"Now the whole admissibility of statements of this kind rests upon the consideration that if a charge is made against a person in that person's presence it is reasonable to expect that he or she will immediately deny it, and that the absence of such a denial is some evidence of an admission on the part of the person charged, and of the truth of the charge. Undoubtedly, when persons are speaking on even terms, and a charge is made, and the person charged says nothing, and expresses no indignation, and does nothing to repel the charge, that is some evidence to show that he admits the charge to be true."*

Fil-kaz in dizamina, ma humiex applikabbli l-konsiderazzjonijiet 5 u 6 ta' hawn fuq; din il-Qorti, pero`, deherilha li ghandha ssemmihom ghall-kompletezza tal-istampa legali. Issa, fil-kaz in dizamina l-appellant Ellul ghazel li jixhed fil-guri tieghu, b'mod ghalhekk li espona ruhhu ghall-mistoqsijiet li talvolta setghu jsiru mill-prosekutur, mill-Qorti u mill-gurati. Huwa pprova jaghti spjegazzjoni ghala ma kienx semma' mill-ewwel li ma kellu x'jaqsam xejn mad-droga li nstabet fid-dar ta' Magri, u mhux semplicement strah fuq il-fatt li kellu dritt li ma jwegibx il-mistoqsijiet li sarulu mill-pulizija. Ghalhekk il-mistoqsijiet li l-ewwel Qorti, fl-indirizz taghha, qalet li l-gurati setghu jaghmlu dwar l-ispjegazzjoni li l-appellant ta ghaliex ma semmiex qabel in-non-involviment tieghu, kienu legittimi.

A7. L-appellant jilmenta wkoll dwar il-mod kif l-ewwel Qorti ddefiniet it-traffikar ghal skopijiet tar-reat ta' assocjazzjoni. Jghid li l-ewwel Qorti qalet li l-fatt li jkun hemm il-preparazzjoni fil-qratas huwa traffikar ghaliex huwa cirkostanza li l-qrati jiehdu in konsiderazzjoni fir-reat ta' pussess li ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur; li qalet li l-qrati f'reat tal-pussess aggravat bl-intenzjoni, tasal ghal tali konsiderazzjoni ta' htija minhabba l-fatt li la persuna taghmel il-qratas kieku kien ghaliha ma hemmx ghalfejn toqghod taghmel il-qratas, ghalkemm gie li jaghmluhom biex ma jkollhomx overdose. L-appellant

isostni li r-reat tal-pussess aggravat bl-intenzjoni huwa reat *per se* u ghandu l-elementi tieghu; l-assocjazzjoni tehtieg il-bejgh u t-traffikar bhala modalita`, imma l-fatt tal-qratas mhuwiex forma ta' traffikar prevista mil-ligi ghax ma jaqa' taht l-ebda wahda mill-ipotesijiet ta' traffikar. Il-qratas jistghu juru intenzjoni ta' traffikar imma l-packing u t-tqassim mhux wiehed mill-kazi nkluzi fid-definizzjoni. Kif giet din il-parti ta' l-indirizz, jissottometti l-appellant, il-gurati fehmu, jew setghu fehmu, li l-fatt li kien hemm il-qratas kien hemm indizju qawwi tal-ftehim tal-assocjazzjoni ghat-traffikar.

Din il-Qorti tosserva li fl-indirizz taghha l-ewwel Qorti semmiet il-mod kif id-droga tkun imqassma fi qratas meta kienet qed tispjega is-sinjifikat tal-kelma "distribuzzjoni" fil-kuntest ta' traffikar. Hija rreferiet ghall-qratas bhala mezz importanti ta' distribuzzjoni ta' droga, qratas li bhalhom instabu fid-dar ta' Magri. U qalet[12]:

"Il-qratas huma mezz li jindikaw hafna drabi, ghalina l-Imhallfin ghall-inqas, il-hsieb li dak li jkun ser jittraffika. Ghax jekk inti d-droga ser izzommha ghalik u ser tehodha inti ma toqghodx tiehu t-trouble u toqghod taghmilha gol-pakketti zghar, meta ghandek aptit tiehu ftit hadt ftit …. Jigifieri fid-distribuzzjoni jidhol anke l-mezz tad-distribuzzjoni, jista' jkun indikattiv tal-hsieb li ser tiddistribwixxi, partikolarment din li jkunu maqsumin fi kwantitajiet bhal qratas jew inkella kaxxi tas-sulfarini … dawn huma kollha indikattivi li dik id-droga mhux qieghda hemm biex tibqa' hemm u konsmata minn nies jew minn persuna li nstabet ghandha imma minn hemm ser titqassam u tinbiegh. U dan jidhol fid-distribuzzjoni. Mela l-mod kif ser tigi distribwita huwa indikazzjoni, jew jista' jkun indikazzjoni li hemm il-hsieb tat-traffikar."

L-ewwel Qorti kienet korretta meta qalet li l-mod kif sejra tigi distribwita d-droga huwa indikazzjoni jew jista' jkun indikazzjoni li hemm il-hsieb tat-traffikar. Naturalment dan ma jekwivalix ghal traffikar. It-tqassim ta' droga fi qratas mhuwiex l-istess bhat-tqassim ("distribuzzjoni") tal-qratas

[12] Ara pagni 2 u 3 tat-tieni parti ta' l-indirizz.

bid-droga. Sabiex jigi evitat ir-riskju li l-gurati jassimilaw it-traffikar mar-reat ta' pussess aggravat, din il-Qorti hi tal-fehma li kien ikun aktar opportun li kieku spjegazzjoni bhal ma tat hawn l-ewwel Qorti inghatat fil-kuntest tat-Tieni Kap, cioe` fil-kuntest tar-reat ta' pussess ta' medicina perikoluza f'cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur.

A8. L-ilment li jmiss li jigi ezaminat huwa dak li jirrigwarda l-pussess fit-tielet kap u specifikatament jekk jirreferix ghall-kokaina kollha li nstabet fid-dar ta' Philip Magri, kif isostni l-Avukat Generali, jew jekk jirreferix biss ghal dak li gie kkunsmat. L-appellant isostni li dan huwa punt determinanti f'dan it-tielet kap peress illi jekk wiehed jara l-istqarrija ta' Philip Magri tas-7 ta' Marzu jsib li l-unika imputazzjoni li ghamel kontra l-appellant huwa proprju dwar il-konsum tal-kokaina.

Issa huwa veru li l-Avukat Generali mhuwiex marbut li jipprova precizament dak li jkun hemm fil-parti espozittiva ta' kull kap ta' l-att ta' akkuza. Mill-banda l-ohra lanqas ma jistghu cirkostanzi aktar gravi minn dawk indikati jirrendu r-reat addebitat lill-akkuzat, ossia l-punibbilita` tieghu, aktar gravi. Fil-kaz in ezami, fit-tielet kap l-appellant gie akkuzat b'pussess semplici ta' kokaina u jinghad fil-premessi li "minn tfittxija li wettqet il-Pulizija gewwa l-imsemmi fond, instab qartas li kien fih il-kokaina u sustanzi ohrajn li jintuzaw filwaqt li wiehed ikun qieghed jabbuza minn din id-droga". Mill-provi jirrizulta li mit-tfittxijiet li ghamlu l-Pulizija nstabu, apparti qratas bl-eroina, tracci ta' kokaina fuq bicciet ta' foil u s-sustanza sewda li kien hemm fid-Dok. 97 ANI 310 elevati minn fuq mejda fil-kamra tal-pranzu, u ammont nett totali ta' 3.901 grammi kokaina f'qartas elevat minn kitchen cupboard (Dok. 97 ANI 304), f'kaxxa tal-plastik elevata minn fuq il-mejda tal-kamra tal-pranzu (Dok. 97 ANI 309), u f'tlettax-il qartas elevati minn go bitha zghira n-naha ta' wara tad-dar, bitha li ma kenitx parti mill-fond (Dok. 97 ANI 313). Ghalhekk l-ewwel Qorti ma kinitx korretta meta qalet li l-akkuza fit-tielet kap tikkomprendi l-kokaina kollha li nstabet.

B. <u>Dwar l-allegati irregolaritajiet fil-proceduri</u>

L-appellant jallega tliet irregolaritajiet li fil-fehma tieghu huma determinanti: (1) Il-pronunzjament li ghamlet l-ewwel Qorti li sar zball meta gew ikkonfermati z-zewg stqarrijiet konfliggenti ta' Philip Magri bil-gurament u b'hekk l-ewwel Qorti uzurpat il-funzjoni tal-gurati fl-apprezzament ta' fatt mill-aktar delikat; (2) L-argument mahluq mill-Qorti stess ta' *smoke screen* li setghu qeghdin jitfghu l-appellant u Magri biex b'hekk nisslet is-suspett li dawk li kienu antagonisti (cioe` Magri u l-appellant) kienu assocjati halli jizgwidaw lill-Qorti bil-kontradizzjonijiet ta' bejniethom; u (3) In-nuqqas da parti ta' l-ewwel Qorti li ssemmi punti rilevantissimi li gew sottomessi mid-difiza biex ikun hemm tassew bilanc bejn iz-zewg nahat.

F'**Blackstone's Criminal Practice 2001** (para. D15.16, p.1448) naqraw hekk dwar il-kummenti u oservazzjonijiet ta' l-Imhallef li jkun qieghed jindirizza l-guri:

**"Provided he emphasises that the jury are entitled to ignore his opinions, the judge may comment on the evidence in a way which indicates his own views. Convictions have been upheld notwithstanding robust comments to the detriment of the defence case (e.g. *O'Donnell* (1917) 12 Cr App R 219, in which it was held that the judge was within his rights to tell the jury that the accused's story was a 'remarkable one' and contrary to previous statements that he had made). However, the judge must not be so critical as to effectively withdraw the issue of guilt or innocence from the jury (*Canny* (1945) 30 Cr App R 143, in which a conviction was quashed because the judge repeatedly told the jury that the defence case was absurd and that there was no foundation for defence allegations against the prosecution witnesses). It is the judge's duty to state matters 'clearly, impartially and logically', and not to indulge in inappropriate sarcasm or extravagant comment (*Berrada* (1989) 91 Cr App R 131)."**

Simon Brown, L.J. qal f'*R. v. Nelson* [1997] Crim. L. R. 234, CA (kif citat f'**Archbold's Criminal Pleading, Evidence and Practice 2003** (p. 464 para. 4-376):

**"Every defendant, we repeat, has the right to have his defence, whatever it may be, faithfully and accurately placed before the jury. But that is not to say that he is entitled to have it rehearsed blandly and uncritically in the summing up. No defendant has the right to demand that the judge shall conceal from the jury such difficulties and deficiencies as are apparent in his case. Of course, the judge must remain impartial. But if common sense and reason demonstrate that a given defence is riddled with implausibilities, inconsistencies and illogicalities … there is no reason for the judge to withhold from the jury the benefit of his own powers of logic and analysis. Why should pointing out those matters be thought to smack of partiality? To play a case straight down the middle requires only that a judge gives full and fair weight to the evidence and arguments of each side. The judge is not required to top up the case for one side so as to correct any substantial imbalance. He has no duty to cloud the merits either by obscuring the strengths of one side or the weaknesses of the other. Impartiality means no more and no less than that the judge shall fairly state and analyse the case for both sides. Justice moreover requires that he assists the jury to reach a logical and reasoned conclusion on the evidence."**

Minn ezami ta' l-indirizz jirrizulta l-ewwelnett li l-Imhallef li ppresjeda l-guri ghamilha cara li l-gurati kienu l-imhallfin tal-fatti u li lanqas b'dak li kellu xi jghid hu dwar il-fatti ma kienu marbutin. Dwar l-ewwel ilment jirrizulta li l-ewwel Qorti ghamlet referenza ghall-fatt li gew ikkonfermati bil-gurament iz-zewg stqarrijiet ta' Philip Magri mill-anqas darbtejn fl-indirizz. Meta kienet qieghda tirreferi ghall-enfasi li d-difiza kienet qed taghmel dwar in-nuqqas ta'

konsistenza ta' Magri u l-verzjonijiet kompletament differenti li dan ta, l-ewwel Qorti qalet hekk[13]:

"Ma nistax nifhem kif jiena - ikkonfermahom it-tnejn. Nahseb illi gara xi haga dik inhar. Ma jistax ikun li kkonfermahom it-tnejn jekk bejniethom it-tnejn kien hemm differenzi sostanzjali. Imissu xi hadd ha naqra l-pacenzja u jirrikonciljahom. Imma donnu li l-affarijiet saru xi naqra bl-ghaggla dik inhar u dan qabad u kkonfermahom it-tnejn u kollha marru d-dar, ghax ma tistax ma tghidhiex din".

Meta l-ewwel Qorti regghet irreferiet ghal dan l-incident qalet[14]:

"Gie l-magistrat, ghal xi raguni li jiena ma nifhimx meta tawhomlu ikkonferma z-zewg stqarrijiet dan minghajr ma qaghad jghid isma' din ma' din u dina ma tiffittjax ma' din u din tajba imma l-bicca l-ohra hija hazina, u kkonfermahom it-tnejn bil-gurament. Allura ghandkom konferma ta' zewg dikjarazzjonijiet li ma jaqblux f'kollox. M'inhix ser nasal biex nghid jiena, <u>ghax dina haga taghkom</u>, illi huma kompletament kontradittorji …." (sottolinear tal-Qorti).

Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-ewwel Qorti setghet liberament tikkummenta kif ikkummentat u fi kwalunkwe kaz ma jistax jinghad li gie b'daqshekk sottratt mill-gurati d-dritt li jevalwaw huma z-zewg stqarrijiet sabiex, fid-dawl tax-xiehda li semghu, jiddeciedu x'seta' kien kontradittorju u x'seta' ma kienx, u x'jistghu jaccettaw bhala veritjer jew mhux veritjer.

Dwar l-ilment fuq il-kummenti ta' l-ewwel Qorti rigward l-i*smoke screen*, din il-Qorti ezaminat il-brani rilevanti[15] u tistqarr li hawn ukoll il-kummenti tal-Qorti kienu legittimi u inoltre f'dawn il-brani l-ewwel Qorti enfasizzat ghal diversi drabi li l-gurati kellhom iqisu l-provi kollha fl-assjem taghhom.

---

[13] Ara pagna 29 ta' l-ewwel parti ta' l-indirizz.
[14] Ara pagna 24 tat-tieni parti ta' l-indirizz.
[15] Ara pagna 28 u pagni 33 u 34 tat-tieni parti ta' l-indirizz.

Kwantu għall-ilment li l-ewwel Qorti naqset milli tirreferi għal xi punti li d-difiża kienet tqis ta' rilevanza kbira, din il-Qorti tosserva li l-Imħallef fl-indirizz lill-ġurati mhuwiex obbligat li jsemmi proprju kull punt u jirreferi għal kull sottomissjoni li jkunu għamlu l-partijiet. Bħalma tgħid Rosemary Pattenden, fil-ktieb tagħha **Judicial Discretion and Criminal Litigation** (OUP 1990):

**"Whatever mode of summing-up the judge employs he must ensure that the defence is outlined fairly. How this is done is governed by open-ended rules. The judge must put the 'substance' of the defence, however weak, save where the accused has failed to discharge an evidential burden. '[T]hat does not mean to say he is to paint in the details or to comment on every argument which has been used or to remind them of the whole of the evidence which has been given…' (per Goddard LCJ, *Clayton-Wright* (1948) 33 Cr App R 22 p. 29). As the New Zealand Court of Appeal stressed in *R. v. Ryan* (per Richmond J., [1973] 2 NZLR 611 at p. 615): *'Each case obviously must be judged having regard to its own particular facts. In some cases it may be sufficient for the Judge to refer in the most general terms to the issues raised by the defence, but in others it may be necessary for him not merely to point out in broad terms what the defence is but to refer to the salient facts and especially those upon which the accused based his defence. Again, an election by the Judge to embark on a discussion of the evidence and inferences therefrom which are favourable to the Crown may throw upon him the duty of making some reference to any important features of the case which militate against those inferences'.***

**The summing-up, in other words, should look balanced, and any defence which is not merely fanciful or speculative, particularly in a homicide trial, must be put to the jury…The Judge can, of course, comment adversely on an unconvincing defence…" (pp. 178-180).**

Fid-dawl ta' dan kollu, ghalhekk, l-ilmenti ta' l-appellant dwar allegati irregolaritajiet fil-proceduri huma michuda.

C. Allegat sejbien ta' htija hazin fuq il-fatti

Hawn qeghdin fil-kamp ta' l-apprezzament tal-provi, u kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[16].

Kif gie osservat, pero`, f'dan il-kaz kien hemm xi nuqqasijiet fl-indirizz, u ghalhekk din il-Qorti hi msejha biex tara jekk, minkejja dawn l-irregolaritajiet, saritx amministrazzjoni hazina tal-gustizzja, u biex taghmel hekk trid necessarjament terga' taghmel evalwazzjoni tal-provi kollha. Ghalhekk din il-Qorti ezaminat b'mod approfondit il-provi li tressqu quddiem l-ewwel Qorti, inkluzi t-traskrizzjonijiet kollha tax-xhieda u d-dokumenti esibiti, u hasbet fit-tul dwar is-sottomissjonijiet li saru. M'hemmx dubju li s-sottomissjonijiet li ghamel l-appellant kemm

[16] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

waqt il-guri kif ukoll f'dan l-istadju ta' appell huma ta' sustanza u ghandhom valur argumentattiv qawwi. Pero` l-punt krucjali jidher li hu x'valur jista' jinghata lix-xiehda ta' Philip Magri meta dan xehed waqt il-guri.

Il-gurati kkonkludew li l-appellant huwa hati tat-tliet kapi ta' l-att ta' akkuza kif dedotti kontra tieghu. Dan jista' jfisser biss li l-gurati emmnu dak li xehed Philip Magri waqt il-guri u ma accettawx dak li kien qieghed jikkontendi l-appellant u cioe` li kien *in the wrong place, at the wrong time, in the wrong circumstances*. Din il-Qorti ma ssibx li ghandha tvarja minn din il-konkluzjoni, cioe` li l-gurati sabu aktar verosimili dak li qal Magri milli dak li qal l-appellant. Il-gurati kellhom il-vantagg li jaraw u jisimghu x-xhieda kollha, u ddecidew kif iddecidew wara deliberazzjoni dwar dak kollu li ngab a konjizzjoni taghhom tul il-guri, wara ezami u kontro-ezami tax-xhieda magistralment kondotti mill-prosekuzzjoni u mid-difiza, wara konfront bejn l-appellant u Philip Magri, u wara li kellhom l-opportunita` iqisu "l-imgieba, il-kondotta u l-karattru" tax-xhieda, u b'mod partikolari ta' l-appellant stess u ta' Philip Magri, u "tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz" (artikolu 637 tal-Kap. 9). Nonostante dan, din il-Qorti xorta trid tezamina jekk il-provi necessarjament iwasslux ghar-reita` ta' l-appellant fir-rigward tat-tliet kapi kif iddecidew il-gurati.

C1. Dwar l-ewwel kap

L-appellant isostni li ma kien hemm l-ebda prova ta' ftehim jew assocjazzjoni, apparti kull kwistjoni li ma kienx hemm korroborazzjoni. Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa t-tieni stqarrija ta' Philip Magri u x-xiehda li ta waqt il-guri u tistqarr li minnhom ma jirrizultax li gew "ikkumbinati jew miftehma l-mezzi" li bihom l-appellant u Magri kellhom jimxu sabiex ibeghu jew jittraffikaw medicina perikoluza.

F'**Archbold's Criminal Pleading, Evidence and Practice 2003** naqraw**:**

**"The essence of conspiracy is the agreement. When two or more agree to carry their criminal scheme into effect, the very plot is the criminal act itself: *Mulcahy v. R*. (1868) L.R. 3 H.L. 306 at 317; *R. v. Warburton* (1870) L.R. 1 C.C.R. 274; *R. v. Tibbits and Windust* [1902] 1 K.B. 77 at 89; *R. v. Meyrick and Ribuffi*, 21 Cr.App.R. 94, CCA. Nothing need be done in pursuit of the agreement: *O'Connell v. R.* (1844) 5 St.Tr.(N.S.) 1."** [17]

**"The agreement may be proved in the usual way or by proving circumstances from which the jury may presume it: *R. v. Parsons* (1763) 1 W.Bl. 392; *R. v. Murphy* (1837) 8 C. & P. 297. Proof of the existence of a conspiracy is generally a "matter of inference, deduced from certain criminal acts of the parties accused, done in pursuance of an apparent criminal purpose in common between them": *R. v. Brisac* (1803) 4 East 164 at 171, cited with approval i*n Mulcahy v. R.* (1868) L.R. 3 H.L. 306 at 317."** [18]

Dak li jirrizulta minn dak li qal Magri huwa: l-insistenza ta' l-appellant biex izommlu d-droga, li kien l-appellant stess li ppakkja d-droga f'diversi qratas, li qabel il-gurnata li sar ir-*raid* mill-Pulizija l-appellant kien mar ghandu xi tliet darbiet ohra biex jiehu xi pakketti u li meta l-appellant mar ghandu fis-6 ta' Marzu 1997 ma' Joanne Vella kien l-istess appellant li qabad pakkett u beda jipprepara d-droga biex ipejpuha. X'kien jaghmel l-appellant bil-pakketti li jiehu ma jirrizultax. Ma jistax jigi eskluz li kien jehodhom ghall-uzu tieghu personali galadarba huwa stess jammetti li kien jaghmel uzu mill-kokaina, ghalkemm jghid li f'dak il-perijodu kien ilu xi xhur li waqaf mill-abbuz tad-droga. Dan ma jwassalx ghal inferenza li allura bejn l-appellant u Magri kien hemm assocjazzjoni skond l-artikolu 22(1)(f) tal-Kap. 101. L-istess jista' jinghad ghac-cirkostanzi kollha tas-6 ta' Marzu 1997. Dawn b'ebda mod ma jistghu jwasslu ghal prova univoka ta' ftehim bejn l-appellant u Magri ta' bejgh jew traffikar ta' droga.

---

[17] Ara para. 33-4, pagna 2690.

[18] *Op. Cit.* Para. 33-11, pagna 2692.

Ghalhekk dan l-ilment qieghed jigi milqugh.

## C2. Dwar it-tieni kap

Is-sitwazzjoni fattwali hi tali li l-gurati setghu ma jemmnux il-verzjoni ta' l-appellant li ta waqt il-guri ghax hemm cirkostanzi u provi ohra li huma ugwalment kapaci li jitwemmnu u li l-gurati kienu perfettament intitolati li jemmnu. Mill-assjem tal-provi ma jistax jinghad li l-verzjoni ta' Magri kellha tigi necessarjament eskluza. Magri baqa' jsostni dak li kien qal fit-tieni stqarrija tieghu, ghalkemm b'xi varjazzjonijiet, waqt il-guri. Magri kien gie akkuzat b'pussess ta' kokaina u eroina mhux ghall-uzu esklussiv tieghu kif ukoll bi traffikar ta' l-istess izda gie lliberat mill-akkuza ta' traffikar peress li l-Qorti tal-Magistrati qalet li l-provi fir-rigward ta' dik l-akkuza "xejn m'huma cari". Keith Rizzo xehed li kien xtara kokaina minghand Philip Magri izda, jekk tigi accettata din id-dikjarazzjoni tieghu, dan ifisser li d-droga kienet ta' Magri? Meta fis-6 ta' Marzu 1997 l-appellant kien ghand Magri flimkien ma' Joanne Vella u waslu l-Pulizija, huwa harab minn fuq il-post; huwa certament aktar verosimili li harab ghax kien jaf bid-droga li kien hemm fil-post aktar milli ghax beza' mill-konsegwenzi jekk martu ssir taf li kien qieghed hemm ma' Joanne Vella. Kieku kien jibza' daqshekk minn martu, ma kienx jaccetta li jiltaqa' ma' Vella ghar-raguni li huwa ta, cioe` biex iwassalha halli tissellef xi flus. Meta l-appellant xehed fil-proceduri kontra Magri[19], qal li wassal lil Vella ghand Magri u stennieha u tfixkel meta qaltlu li kienu gejjin il-Pulizija; pero` meta xehed fil-guri tieghu qal li qaghad jistenna barra u meta ddejjaq jistenna mar ihabbat u dahal wara li fethitlu Joanne u qaltlu jitla'. Jekk verament kien mghaggel biex jitlaq u ma kienx jaf lil Magri, kien ikun aktar logiku li jinsisti ma' Vella li tigi u jibqa' jistennieha barra. Ghalhekk huwa aktar verosimili dak li qal Magri, cioe` li l-appellant u Vella dahlu ghandu flimkien.

B'hekk is-sitwazzjoni ma kkristalizzatx ruhha b'mod illi l-gurati kellhom ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li kien jissussisti d-dubju ragjonevoli fit-tezi tal-

[19] L-appellant kien ghadu rikoverat l-Isptar u ghalhekk ix-xiehda tieghu ttiehdet fil-ward fejn kien hekk jinsab.

prosekuzzjoni. Dana partikolarment ghaliex m'hemm xejn x'jindika li l-gurati ma setghux ragjonevolment hlief jaslu biex jemmnu dak li xehed l-appellant waqt il-guri u jiskartaw kull ma qal Magri.

F'dawn ic-cirkostanzi, ghalhekk, u nonostante n-nuqqasijiet fl-indirizz fuq riskontrati, din il-Qorti hi tal-fehma li l-gurati setghu ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li waslu ghaliha daqs kemm setghu jaslu ghall-konkluzjoni li l-appellant kien biss vittma tac-cirkostanzi; u ghalhekk din il-Qorti, wara li regghet evalwat il-provi, hi tal-fehma li fir-rigward ta' dan it-tieni kap ma saret ebda amministrazzjoni hazina tal-gustizzja (art. 501(1) tal-Kap. 9).

Konsegwentement dan l-ilment huwa michud.

C3. Dwar it-tielet kap

L-appellant jghid li huwa minnu li Philip Magri jsostni li l-appellant ikkonsma d-droga kokaina. L-appellant, pero`, jghid li kienet mehtiega l-korroborazzjoni, li hija nieqsa. Ma sar l-ebda test ta' l-urina, ghalkemm kien l-Isptar. Il-*foil* mhix prova li l-appellant ikkonsma d-droga.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, dak li ntqal dwar it-tieni kap, riferibbilment ghall-apprezzament tal-provi mill-gurati, japplika *mutatis mutandis* anke ghat-tielet kap u ghalhekk dan l-ilment qieghed jigi michud.

D. Dwar il-piena

L-appellant jghid li l-piena li nghatat mill-ewwel Qorti tidhol fil-parametri tal-ligi, u jammetti li kien hemm ir-recidiva. Izda ghal pussess bl-iskop ta' traffikar u ghal konsum ta' droga, il-piena tirrazenta t-tentattiv ta' omicidju. Jghid li ma kienx hemm kwantita` kbira ta' droga u Magri nghata piena ta' hmistax-il xahar prigunerija li hija divergenza kbira minn dik ta' ghoxrin sena moghtija lilu. Jghid li huwa kien issemma' fil-kuntest ta' Imhallef li llum hu ndagat u li xehed f'kaz precedenti; li l-fama tieghu tigri qablu; li l-kaz li minnu gie liberat baqa' jissemma' u jaghmel hoss; u li

sahansitra kien hemm programm televiziv bir-ritratti tieghu u video. Isostni li fil-fatt qatt ma kellu jinghata piena ghal *frame-up* li sarlu minn min haseb li kien miet u waddab kollox fuqu, mhux biex jinholoq *smoke-screen* imma biex il-mejjet ma jwiegeb ghal xejn u ma jmeri lil hadd.

Din il-Qorti mhix ser tipprova taghmel kongetturi dwar ghala l-appellant inghata l-piena li effettivament inghata. Kif tajjeb jghid l-appellant stess, il-piena kienet fil-parametri tal-ligi. Dak li trid tqis din il-Qorti huwa jekk, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, il-piena kenitx wahda eccessiva. Huwa minnu li fis-sentenza stess l-ewwel Qorti ghamlet referenza ghal verbal ta' dakinhar stess li bih il-prosekuzzjoni u d-difiza qablu li, ghall-fini tal-piena, l-ewwel kap ta' l-att ta' l-akkuza ghandu jitqies kompriz u nvolut fit-tieni kap ta' l-att ta' l-akkuza. Dan ifisser allura li l-piena nflitta fuq l-appellant mill-ewwel Qorti hija maghmula in parti minn piena ghar-reat ta' pussess semplici taht it-tielet kap, u in parti minn piena ghar-reat ta' pussess aggravat taht it-tieni kap, apparti konsiderazzjoni tal-fatt li l-appellant huwa wkoll recidiv. Pero` in vista tal-fatt li din il-Qorti sejra thassar il-verdett tal-gurati riferibbilment ghall-ewwel kap tal-att ta’ akkuza, il-htija ta’ l-appellant ser tigi ridimensjonata. Aktar minn hekk, mir-rapport ta' l-espert forensiku l-Ispizjar Mario Mifsud jirrizulta li l-ammont ta' droga li nstab ma kienx wiehed sostanzjali: kwantu ghall-eroina, instab ammont nett totali ta' 6.525 grammi, filwaqt li ghal dak li jirrigwarda l-kokaina, apparti tracci li kienu jindikaw l-abbuz ta' din id-droga, instab ammont nett totali ta' 3.901 grammi.

Dwar id-divergenza bejn il-piena li nghatat lil Magri u dik li nghatat lill-appellant, divergenza li xorta se tibqa', ftit hemm xi tghid. Il-Qorti tal-Magistrati meta kienet qed tittratta l-kaz ta' Magri, fid-diskrezzjoni taghha dehrilha li l-piena gusta fil-konfront ta' Magri kienet dik li fil-fatt infliggiet u l-parametri tal-piena applikabbli mill-Qorti tal-Magistrati huma hafna inqas minn dawk quddiem il-Qorti Kriminali[20]. Il-punti l-ohra msemmija mill-appellant u li bihom qieghed jimplika certa notorjeta` tieghu, mhumiex

[20] Ara artikolu 22(2) tal-Kap. 101.

argumenti validi peress illi l-ewwel Qorti, kif diga` gie osservat aktar qabel f'din is-sentenza[21], hadet is-salvagwardji mehtiega.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell parzjalment u ghalhekk tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevoka il-verdett u dikjarazzjoni ta' htija dwar ir-reat taht l-ewwel kap ta' l-att ta' akkuza u minflok tiddikjara lill-appellant mhux hati ta' dak ir-reat u minnu tilliberah, tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghall-piena komplessiva ta' ghoxrin sena prigunerija li minnhom ghandu jinqata' kull perijodu li l-appellant ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni mar-reati in kwistjoni u ghal multa komplessiva ta' ghoxrin elf liri Maltin (Lm20,000) konvertibbli fi prigunerija skond il-ligi jekk ma tithallasx u minflok tikkundannah ghal prigunerija ghal perijodu ta' disa' snin mil-liema perijodu ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-appellant ghamel taht arrest preventiv minn meta tressaq il-Qorti sad-data tas-sentenza li nghatat mill-Qorti Kriminali, kif ukoll ghall-hlas ta' multa ta' tnax-il elf lira (Lm12,000) konvertibbli f'perijodu ta' prigunerija skond il-ligi fin-nuqqas ta' hlas, u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, inkluza f'dik il-parti fejn baghtet lill-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li minnha nghatat is-sentenza u nhareg ordni ta' *probation* fit-23 ta' Lulju 1996 sabiex dik il-Qorti tittratta ma' l-appellant skond il-ligi ghar-reat jew reati li dwarhu/dwarhom kien gie maghmul dak l-ordni ta' *probation*.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------

[21] Ara brani citati f'pagni 6 u 7 ta' din is-sentenza.